

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li r-risoluzzjoni 2014 ta' Banco Espírito Santo, S.A. (iktar 'il quddiem "BES") ittieħdet biss skont id-dritt Portugiż u qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190) (iktar 'il quddiem il-"BRRD");
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-BRRD kienet tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2015;
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li, sabiex tinżamm l-unità u l-implimentazzjoni tal-proċess ta' risoluzzjoni inizjali ta' BES, il-bejgħ ta' Novo Banco kellu jkun irregolat mid-dritt nazzjonali fis-seħħ qabel l-implimentazzjoni tal-BRRD;
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset b'mod żbaljat li ma hemmx dispożizzjonijiet indissoċjabbli tal-BRRD rilevanti għall-evalwazzjoni tal-FKK;
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikoli 101 u 44 tal-BRRD; u
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Proċedurali", ĠU 2015, L 248, p. 9), billi naqset milli tiftaħ il-proċedura formali minkejja d-dubbi serji mqajjma fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu tal-FKK mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u b'hekk ħadet lir-rikorrenti mid-drittijiet proċedurali tagħhom.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2018 – Herrero Torres vs EUIPO – DZ Licores (CARAJILLO LICOR 43 CUARENTA Y TRES)

(Kawża T-326/18)

(2018/C 249/52)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: José-Ramón Herrero Torres (Castellón de la Plana, Spanja) (rappreżtant: J. V. Gil Martí, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: DZ Licores, SLU. (Cartagena, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża: applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea CARAJILLO LICOR 43 CUARENTA Y TIRES – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 444 855

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 2104/2017-5

Talba

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata peress li hija kontra d-dritt bl-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b), u (5) u tal-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2018 – Bodegas Altun vs EUIPO – Codornú (ANA DE ALTUN)

(Kawża T-334/18)

(2018/C 249/53)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Bodegas Altun, SL (Baños de Ebro, Spanja) (rappreżentant: J. Oria Sousa-Montes, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Codornú, SA (Esplugues de Llobregat, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni figurattiva ANA DE ALTUN – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 860 913

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 173/2018-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.